

Brussell, 11 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

14604/17

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0265 (NLE)
2017/0266 (NLE)

JAI 1075
CT 144
DROIPEN 170
COPEN 366
COSI 294
ENFOPOL 547
COTER 146

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	14424/17; 14425/17 13424/17+ADD 1; 13425/17+ADD 1;
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196) Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 217) - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-18 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill żewġ proposti għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, rispettivament tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu¹, u tal-Protokoll Addizzjonali tagħha².
2. Fit-18 ta' Settembru 2015, il-Kunsill adotta Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni taż-żewġ strumenti³.

¹ dok. 13424/17 + ADD 1

² dok. 13425/17 + ADD 1

³ ĠU L 280, 24.10.2015, p. 22-25.

3. Il-Konvenzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tagħha ġew iffirmati f'isem l-Unjoni fit-22 ta' Ottubru 2015, f' Riga, il-Latvja.
4. Wara l-laqgħa tiegħu fl-14 ta' Ottubru 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Kriminali Sostantiv (DROIPEN) qabel dwar it-test tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tagħha.
5. F'konformità mal-Protokoll (Nru 22) għat-Trattati, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.
6. L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI⁴ u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet.
7. Il-perijodu ta' notifika skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati jintemm fil-21 ta' Jannar 2018. Ir-Renju Unit għadu ma nnotifikax ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-abbozz ta' Deċiżjonijiet. Fi tmiem il-perijodu ta' notifika, il-Kunsill ser jinforma lill-Parlament Ewropew jekk ir-Renju Unit għamilx hekk. Il-premessa standard li tirrifletti l-pożizzjoni tar-Renju Unit ser tiġi inkluża fl-abbozz ta' Deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden li
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jiddeċiedi, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Protokoll Addizzjonali tagħha, u t-test taż-żewġ strumenti, kif jirriżultaw mir-reviżjoni tal-ġuristi-lingwisti u kif jinsabu rispettivament fid-dok. 14494/17 u d-dok. 14445/17, kif ukoll fid-dok. 14498/17 u d-dok. 14447/17, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni, u
 - japprova li tintbagħat ittra li tinforma lill-Parlament Ewropew, wara l-iskadenza tal-perijodu ta' notifika, dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit fl-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet.

⁴ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 164, 22.6.2002, p.3).